MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2035/1999/1

**Kummissarju ta’ L-Art**

**Vs**

**Philip u Renata Alamango**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-attur huwa proprietarju ta’ bicca art tal-kejl ta’ cirka mitejn u hmistax-il metru kwadru (215m.k), li tmiss mill-lbic ma’ Triq San Pawl in-Naxxar, fil-waqt li mill-Grigal u mill-Lvant ma’ bini tal-konvenuti, skond kif murija bil-kulur ahmar fl-annessa pjanta mmarkata bhala Dok. CSD 1.

Premess illi l-konvenuti illegalment u abbuzivament uzarpaw din il-bicca art a pregudizzju tal-attur nomine.

Permess illi l-attur interpella diversi drabi lill-konvenuti biex javakwaw minn din il-bicca art jew sabiex jersqu ghall-kuntratt ta' xiri ta' din l-art.

Premess illi l-attur hareg "call for tenders" ghax-xiri ta' din il-bicca art u l-konvenuti nomine tefghu tender skond l-anness Dok. CSD 2.

Permess illi l-ammont li l-konvenuti huma lesti li jhallsu ma jirriflettix il-valur tal-art fis-suq u ghaldaqstant it-talba taghhom ma setghetx tigi milqugha.

Premess illi sal-gurnata ta' llum l-konvenuti baqghu la resqu ghall kuntratt ta' bejgh u l-anqas ivakwaw minn din il-bicca art

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li l-attur nomine huwa proprietarju tal-art fuq imsemmija;

2. Tiddikjara li l-konvenut nomine uzurpa l-fuq imsemmija art b'mod illegali u abbuziv a pregudizzu tal-attur nomine ;

3. Tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, jivvakwaw mill-imsemmija art minnhom illegalment u abbuzivament uzurpata u jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni minnhom kagunati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti inkluzi dawk tal-protest datat 27 ta' Lulju 1999, li minn issa huma ngunti ghas subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenuti a fol. 16 tal-process fejn eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju l-attur irid qabel xejn jipprova it-titolu tieghu.

2. Illi l-konvenuti akkwistaw l-art in kwistjoni b'titolu tajjeb sabiex jittrasferixxu u *b'bona fede* fit-30 ta' Ottubru 1989 b'kuntratt atti Nutar Dottor Hugh Grima.

3. Illi l-konvenuti ilhom jokkupaw u jippossjedu l-art in kwistjoni ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin.

4. Salv eccezzjonjiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 90 et seq fejn il-Qorti laqghet l-ewwel zewg talbiet ta' l-attur;

Rat id-digriet li bih gie nominat il-perit J. Ellul Vincenti biex jirrelata dwar il-valur tal-proprjeta' inkwisjoni;

Rat ir-relazzjoni tieghu a fol. 101 et seq tal-process;

Semghet lill Perit in eskuzzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**KONKLUZZJONI PERIT TEKNIKU**

Il-Perit nominat minn dina l-Qorti kkonkluda li (ara fol. 107) l-art fil-bicca l-kbira minnha mhiex fabbrikabbli fis-sens li tista' testendi l-bini tad-dar fuqha u ghalhekk il-valur taghha hu limitat u qed jigi stmat li ma jkunx ta' aktar minn Lm30 ghal kull metru kwadru (Lm30/mk).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddecidi billi tilqa' t-tielet talba fis-sens li

tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien xahar
ihallsu s-somma ta' tletin lira Maltin (Lm30) ghal kull metru kwadru ghall-art minnhom okkupata kif hemm deskritt fir-relazzjoni tal-Perit Ellul Vincenti;

Spejjez ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------